**286. Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Djar, l-Onor. Lorry Sant M.P. jipproponi:**

Billi bl-artiklu 21 tal-Att tal-1949 dwar id-Djar l-imsemmi Att kien limitat biex jispiċċa fit-12 ta' Frar, 1951, sentejn wara li ġie mgħoddi, kemm-il darba ma jitkompliex fis-seħħ skont dak l-artiklu;

U billi l-imsemmi Att qed ikompli fis-seħħ sat-12 ta' Frar, 1986;

U billi hemm maħsub f'dak l-artiklu li jekk tgħaddi Riżoluzzjoni mill-Kamra tad-Deputati li l-imsemmi Att għandu jitkompla fis-seħħ għal żmien ieħor li ma jkunx aktar minn tliet snin miż-żmien li fih li kieku jispiċċa, dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien l-ieħor;

U billi huwa xieraq fl-interess pubbliku illi dak l-Att għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien ieħor ta' tliet snin;

Issa, għalhekk jiġi riżolut u qiegħed b' dan jiġi riżolut, li l-Att tal-1949 dwar id-Djar għandu jkompli fis-seħħ għal żmien ieħor ta' tliet snin sat-12 ta' Frar, 1989.

06.02.1986